MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

It-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

70.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija.

## 70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

70.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 68 (tmienja u sittin) li saret nhar il-Ħamis 27 ta' April, 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

70.2.2 Il-minuti tal-laqgħa Numru 69 (disgħa u sittin) li saret nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju, 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

## 70.2.1 Korrezzjonijiet (laqgħa 68)

70.2.1.1 Minuti 68 – Assenti b'Apoloġiji – titneħħa l-kelma (kunjom) "Anastas" u tiżdied flokha "Anastasi"

## 70.2.2 Korrezzjonijiet (laqgħa 69)

70.2.2.1 Minuta 69.3.4 - jitneħħew il-kliem "f'Misraħ il-Barrieri" jiżdiedu flokhom "Misraħ Santa Venera"

70.2.2.2 Minuta 69.5.1 – titneħħa l-kelma "Procrement" u tiżdied flokha "Procurement"

70.2.2.3 Minuta 69.5.3 –titneħħa l-kelma "telefon" u tżdied il-kelma "telefown"

## 70.2.3 Punti mqajma mill-minuti

70.2.3.1 Minuta 69.2.2.1 – Is-Sindku informa lill-Membri li l-kuntrattur li ser jaħdem fuq il-Proġett taż-Żgħażagħ għadu ma bgħatx il-*Method Statement.* Il-kuntrattur, meta ġie kkuntattjat, qal li ser jippreżentah mill-aktar fis.

70.2.3.2 Minuta 69.2.2.3 – Is-Sindku informa li issa s-*Sage Accounting Programme* ġie installat però l-*Accountant* ta' qabel qed jittratjeni sabiex tiġi trasferita d-*data.* Għaldaqstant għandu jingħata jumejn żmien sa nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju, 2017 sabiex jagħmel dan.

70.2.3.3 Minuta 69.2.2.5 – Is-Sindku informa lill-membri li ġibna linji gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għaldaqstant, il-Kunsill jista' jħallas direttament lir-Reġjun u min-naħa tiegħu r-Reġjun iħallas lill-avukat.

70.2.3.4 Minuta 69.2.2.6 – Is-Sindku informa lill-membri li ġiet iffissata ġurnata biex niltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Libreriji sabiex jiġu diskussi xi punti rigward il-kuntratt tal-librar u xi affarijiet oħra.

70.2.3.5 Minuta 69.2.2.8 – Is-Sindku informa lill-Membri li x-xogħol fi Triq Qormi huwa lest iżda fadal xi xogħol ta' żebgħa. Qed nistennew gwida minn Transport Malta biex inkunu nistgħu inkomplu bix-xogħol.

Fis-6.50 ta' filgħaxija wasal is-Sur Darren Carabott u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

70.2.3.6 Minuta 69.3.2 - Is-Sindku informa lill-Membri li mill-LESA irċevejna *cheque* ta' €20,797.34

70.2.3.7 Minuta 69.5.3 – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat tlett kwotazzjonijiet għal linja ċellulari, waħda tal-Melita Ltd, oħra tal-GO plc u oħra tal-Vodafone Malta. Il-pjan li toffri Melita Ltd huwa l-orħos minnhom it-tlieta. Għaldaqstant ġie deċiż li l-għażla taqa' fuq il-pjan tal-Melita Ltd għas-somma ta' €25 kull xahar. Dan il-pjan jinkorpora fih telefonati bla limitu kemm lejn linji fissi kif ukoll lejn linji ċellulari. Għaldaqstant, il-linji fissi tal-Kunsill għandhom jiġu ibbarjati milli jsiru telefonati lejn linji ċellulari minnhom.
Il-Membri qablu unanimament.

70.2.3.7 Minuta 69.8 – Ilmenti numru 254 u 332 – Is-Sindku informa lill-Membri, illi il-*Contracts Manager* irrimarka li t-tabelli, li hemm ġo Pjazza Franka, m'humiex ta' ostaklu la għall-garaxx u lanqas għar-residenti.

## 70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

70.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l- kuntratt tal-*photocopier* għalaq u li issa kull sejħa f'kas ta' ħsara ser tiswilna €50 barra l-*part*. Ippruvajna nġibu tlett kwotazzjonijiet, iżda kellna risposta mingħand 2 kumpaniji biss, Strand Electronics u Image Systems. Strand Electronics offrew kwotazzjoni fuq bażi ta' kera, filwaqt li Image Systems offrew kwotazzjoni fuq bażi ta' xiri. Meta tinħadem is-somma għal kirja ta' ħames snin, irriżulta li tiġi għola mis-somma li nħallsu jekk il-*photocopier* tinxtara.
Għaldaqstant, wara diskussjoni ġie deċiż li l-*photocopier* tinxtara għal €1,504.50 (Vat inkluż) u, possibbilment, titħallas bin-nifs.
Il-Membri qablu unanimament.

Fis-7.05 ta' filgħaxija wasal il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

70.3.2 Is-Sindku informa lill-Membri li wasal iż-żmien li jinqalgħu it-toroq l-antiki ta' Santa Venera. Is-Sindku fakkar illi ġa hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill u ġaladarba jkun hemm biżżejjed *cash flow,* it-toroq l-antiki fosthom Triq Abela, Triq San Ġorġ, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq Ġuże Pace, Triq Brighella, Triq il-Batterija u l-bankina ta' Triq il-Kanun, ix-xogħol ikun jista' jibda.
Is-Sindku informa wkoll illi saret talba minn residenti biex fil-ponta ħdejn tal-Mużew nagħmlu *Traffic Island* sabix it-traffiku jkun aktar organizzat. Isir ukoll tiżbieħ bi qsari man-naħa tal-Mużew.
Għaldaqstant, għandna niktbu lil Transport Malta biex dan ix-xogħol jiġi approvat.
Il-Membri qablu unanimament.

70.3.3 Is-Sindku informa lill-Membri li kkommunikaw magħna mid-Dipartiment tal-*Lifelong Learning* u qalulna li jistgħu joffru kors *Essential Skills* fl-Ingliż. Dan il-kors ikun twil 32 ġimgħa u jista' jieħu sa massimu ta' 15-il student. Fl-applikazzjoni, aħna konna offrejna li l-kors isir is-Sibt mit-8.00am sal-11.00am, iżda fil-kommunikazzjoni tagħhom, id-dipartiment tal- *Lifelong Learning* ikkwotaw il-ħin ta' bejn id-9.00am u 12.00pm. Dan joħloq problema għaliex nhar ta' Sibt, l-iskrivani li jaħdmu fuq bażi *overtime*, jispiċċaw mix-xogħol fil-11.00am.

Għaldaqstant, għandna niktbu lid-dipartiment tal-Lifelong Learning biex il-kors isir bejn it-8.00am u l-11.00am.
Il-Membri qablu unanimament.

70.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna ittra mingħand is-Surmast tal-iskola Sekondarja ta' Santa Venera, is-Sur Sammut, fejn dan wera x-xewqa li l-Kunsill jgħin lill-iskola biex tiffinanzja l-ħlas għal għalliem/a biex ikun jista' jagħti lezzjonijiet kumplimentari sabiex studenti jibqgħu għaddejjin bit-taħriġ anke waqt il-vaganzi tas-sajf. Is-Sindku ppropona li l-lezzjonijiet isiru fil-bini tal-Kunsill u s-Surmast ġa kien qabel fuq din il-proposta. Il-ħlas totali għandu jammonta għal €240.
Il-Kunsillier Silvio Vella ssekonda din il-proposta.
Il-Membri qablu unanimament.

70.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna proposta sabiex jitpoġġa *Clothing Bank* fil-lokalita' ta' Santa Venera. Il-Membri qablu li dan il-*Clothing Bank* għandu jsir flok il-*motorcycle bay* li hemm ħdejn il-Kunsill.
Il-Membri qablu unanimament.

## 70.4 Rapporti/Korrispondenza

Xejn

## 70.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

70.5.1 Is-Sindku spjega wkoll li fil-*Management Letter* (Punt 4.7) irriżulta li l-ġardinar is-Sur Charles Mifsud kien baqa' jibgħat l-*invoices* bl-ammont li kien jitħallas fil-kuntratt l-antik sa Awwissu, 2016. Il-kuntratt il-ġdid iġib id-data ta' April, 2016. Għaldaqstant, il-Kunsill ħallas is-somma ta' €1,047 żejda lill-imsemmi Charles Mifsud. Għalhekk ġie ssuġġerit li dan l-ammont jinġabar lura bi ftehim mal-kuntrattur. Is-Sur Charles Mifsud għandu jiġi infurmat b'dan.
Il-Membri qablu unanimament.

Punt 7.1 – Is-Sindku informa, illi l-Awdituri rrimarkaw illi hemm somom dovuti lill-Kunsill, waħda ta' ±€2,800 mingħand il-Water Services Corporation u ±€5,000 mingħand il-kumpanija MPNDC. Is-Sindku ssuġġerixxa li nerġgħu niktbu bl-avukat sabiex dawn il-flus jinġabru.
Il-Membri qablu unanimament.

Punt 8.0 – Ir-rendikont finanzjarju tal-kontijiet bankarji qed jiġu rikonċiljat kull xahar mis-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 11.1 – Il-minuti pprintjati bħala PDF u mmarkati 'IFFIRMATA' issa qed jiġu mtella fuq is-sit tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

Punt 11.2 – Ittieħdet nota u l-minuti oriġinali li jkunu ġew approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ser jiġu marbuta.

Punt 11.4 – Is-Sindku rrimarka, illi ġaladarba l-leġislatura preżenti tiġi fi tmiemha fl-2019, il-*Business Plan* preżenti jibqa' fis-seħħ.

Punt 11.5 – Wieħed mill-Kunsilliera kien skużat mil-laqgħat tal-Kunsill għaliex kien qiegħed barra minn Malta fuq Kors ta' studju tal-*Erasmus Project.* Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien infurmat b'dan u il-Kunsill kien iddeċieda li l-post tiegħu ma jsirx vakanti minħabba li l-Kunsillier kien ippreżenta raġuni valida għall-assenza tiegħu mil-laqgħat tal-Kunsill.

L-*Accountant*, is-Sur, Michael Debono, spjega l-*adjustments* li kien meħtieġ isiru u qara r-risposta li huwa pprepara tal-*Management Letter*.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċirkola l-*Management Letter* lill-kunsilliera.

**70.5.2 Quarterly Statements – March 2017**

70.5.2.1 Is-Sindku rrimarka li dawn għadhom pendenti invista li l-migrazzjoni tal-informazzjoni kienet għadha ma saritx

**70.5.3 Local Council Van**

70.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-vann tal-Kunsill wasal biex jiġi skreppjat. Wara li l-Membri tal-Kunsill raw disgħa kwotazzjonijiet, l-għażla waqgħet fuq l-irħas vann li jiswa madwar €1,200.
Il-Membri qablu unanimament.

## 70.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitat.

## 70.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

70.7.1 Is-Sindku fakkar li hemm ftehim mal-Gvern Ċentrali li l-latrini kollha ta' Malta ser jiġu devoluti kollha mill-Gvern. Għaldaqstant, għandna niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet u nsaqsu jekk għadux bil-ħsieb li jiġu devoluti.

## 70.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 364 sa lment numru 400.

| | |
|---|---|
| 364 | B. Grima & Sons |
| 365 | Ħaddiema Assenjati |
| 366 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 367 | Rifjutata |
| 368 | Talba lil Transport Malta |
| 369 | Ma tistax issir fil-preżent |
| 370 | Ħaddiema Assenjati |
| 371 | Ħaddiema Assenjati |
| 372 | Contracts Manager |
| 373 | Issir it-Triq kollha mill-Ħaddiema Assenjati |
| 374 | Il-Contracts Manager jiċċekkja l-konfini |
| 375 | Rifjutata |
| 376 | Rifjutata - Hemmhekk irid isir infurzar |
| 377 | Contracts Manager |
| 378 | Ħaddiema Assenjati |
| 379 | Ħaddiema Assenjati |
| 380 | Tintbagħat ittra |
| 381 | Mhix skont il-policies tat-Transport Malta |
| 382 | Transport Malta – Applikazzjoni għal Sleeping Policeman |
| 383 | Contracts Manager |
| 384 | Tinġieb Kjarifika |
| 385 | Ħaddiema Assenjati |
| 386 | Ħaddiema Assenjati |
| 387 | Rifjutata |
| 388 | Transport Malta |
| 389 | Mhix skont il-policies tat-Transport Malta |
| 390 | Ħaddiema Assenjati |
| 391 | Ħaddiema Assenjati |
| 392 | B. Grima & Sons |
| 393 | Issir mir-resident bis-superviżjoni tal-perit |
| 394 | Contracts Manager |
| 395 | Tneħħew mir-residenti stess |
| 396 | Il-Kunsill qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager |
| 397 | Transport Malta |
| 398 | Enemalta |
| 399 | Infurzar mill-Pulizija |
| 400 | Micamed |

## 70.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8.30pm u ġiet aġġornata għat-10 ta' Lulju, 2017, fis-6.30pm.

*Konfermati, illum 10 ta' Lulju, 2017*

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv